# Il-Knisja (Santwarju) ta' Loretu fil-Gudja u l-Kwadru l-Antik



*minn Loreto J. DALLI*

Skond it-tradizzjoni tat-trasportazzjoni tad-dar tal-Madonna ta' Loretu, li seħħet b'mod mirakuluż mill-Art Imqaddsa, fejn il-familja ta' Marija kienet tgħix ġewwa Nazaret, id-dar inġarret diversi drabi. L-ewwel darba ttieħdet f'Tersatto, qrib Rijeka fil-Kroazja, imbagħad f'diversi postijiet oħra sakemm waslet f'Loreto fl-Italja, fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Diċembru 1294, skond il-fehma ta' diversi kittieba.

Illum din il-bażilika meraviljuża ta' Loreto qiegħda fl-inħawi ta' Recanati, fir-reġjun ta' Piceno, li jinsab l-Italja. Dan is-santwarju kiber ma' tmiem il-Kruċjati, bil-barka tal-papiet. Bejn l-1400 u l-1600 l-Italja kienet wieħed miċ-ċentri mfittxa fl-Ewropa għad-devozzjoni Marjana, u ta' Loreto ma kienx eċċezzjoni. Kien il-Papa Ġulju II (1503-1513) li għamel minnu maqdes Marjan ta' fama kbira fit-territorju tal-Patrimonju ta' San Pietru, peress li l-Art Imqaddsa kienet maħkuma mis-Saraċini.

Ir-riforma ta' wara l-Konċilju ta' Trentu tat spinta lil dan is-santwarju minħabba l-enfasi fuq il-fatt ta' l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù u l-Konċepiment Immakulat ta' Marija. Fis-santwarju ta' Loretu dawn iż-żewġ veritajiet sabu s-sinteżi tagħhom. It-tradizzjoni kienet tgħid li fil-kappella ta' Loreto kien hemm id-dar tal-Madonna fejn twieldet. Fl-istess dar kien deħrilha l-anġlu Gabrijel u ħabbrilha li kellha ssir omm Alla.

Fil-gżejjer Maltin nibtet ukoll il-qima lejn il-Madonna taħt it-titlu ta' Loretu, propju fir-raħal tal-Gudja - raħal b'diversi devozzjonijiet taħt diversi titli, fosthom ta' Loretu. Il-post li kien magħruf bħala barra r-raħal il-Qadim (Bir Miftuħ) kien fost l-ewwel tliet postijiet fil-gżejjer Maltin fejn xegħlet id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Loretu (li għaliha jien imsemmi).

Il-knisja tal-Madonna ta' Loretu tinsab fil-post fejn qabel kien hemm niċċa ddedikata lill-Madonna b'dan it-titlu. In-niċċa kienet ma' ħajt ta' kamra li kienet isservi bħala post ta' kenn għall-pellegrini li kienu jżuru lill-Madonna.

Ma nafux meta eżatt, iżda aktar tard tpoġġiet statwa ta' l-alabastru tal-Madonna ta' Loretu li kien għamilha l-Kaptan ta' Bir Miftuħ, il-Kavallier Warsbegh fl-1535. U meta ngħidu Bir Miftuħ, ifisser ukoll l-Gudja, Ħal Safi, Ħal Kirkop, Ħal-Luqa, l-Imqabba, Birżebbuġa, Ħal Tarxien u n-naħat, u li wkoll kellu taħtu suldati mill-Gudja, li kienu jlaħħqu kważi mas-sitt mitt ruħ.

Kien iż-żmien li t-Torok jew furbana ġew biex jaħbtu għal din il-gżira. Dawn għaddew min-naħa ta' Ħal Tarxien, ġibdu għan-naħa taż-Żejtun, baqgħu niżlin għal Marsaxlokk u minn kull fejn għaddew ħarbtuħ. Ġibdu minn San Ġorġ għal Birżebbuġa, fejn ma kinux jgħixu nies dak iż-żmien, u baqgħu telgħin għall-Brolli.

X'ħin il-Kap tas-Suldati, Umberto di Molines, lemaħhom ġejjin min-naħa ta' Ħmiż, għamel wegħda lill-Madonna ta' Loretu li jibnilha knisja f'dak il-post. Imbagħad saret battalja ħarxa li ntrebħet mill-Maltin. F'din il-battalja kien hemm numru kbir ta' mejtin.

Il-knisja jew kappella ħadet post in-niċċa u ġiet mibnija hawn. L-oriġini u d-data għadhom mhux magħrufa. Però hemm xhieda li tgħid li fis-seklu sittax, il-Papa Ġulju II kien ta l-approvazzjoni tiegħu għad-devozzjoni tal-Madonna. Fl-1548 sar kwadru ddedikat lill-Verġni Marija taħt it-titlu ta' Loretu. Jidher ċar li missirijietna ma tantx kienu nieqsa mit-tagħrif mill-Belt Eterna.



*Il-kappella ddedikata lill-Madonna taħt it-titlu ta' Loretu li tinsab f'Bir Miftuħ, limiti tal-Gudja.*

Dan il-kwadru hu xogħol ta' pittur mhux magħruf, tas-XVI-il seklu, magħmul fuq l-injam, f'forma ta' arkata Rumana u juri l-knisja ta' Loretu fl-Italja, San Ġwann il-Battista u l-Kavallier di Molines. Il-kwadru sar mill-benefattur membru ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, li kien il-pirjol ta' Auvergne, Fra Umberto - l-istess wieħed li nsibu fil-kwadru. Dan il-kwadru ta' l-injam għadu ppreservat fis-sagristija preżenti - xogħol rikk u uniku fuq l-injam f'Malta u Għawdex ta' dak iż-żmien.

Il-knisja kif nafuha llum inbniet min-nies tal-Gudja bħala wegħda talli l-Madonna ħelset lill-post malajr mill-flaġell tal-pesta ta' l-1675.

Fl-1575 Monsinjur Duzina semma li kien hemm devozzjoni lejn il-Madonna ta' Loretu fir-raħal ta' Bir Miftuħ. Saħansitra anke nies minn barra r-raħal kienu jmorru pellegrinaġġi. Fuq in-naħa tax-xellug tal-kappella, insibu żewġ loġoġ li kienu jservu ta' kenn għall-pellegrini.

Il-popolarità tidher min-numru ta' ex-voti offruti fis-seklu XVII u XVIII li jinsabu fl-istess knisja, Monsinjur Dużina kien għamel referenza għalihom. Aspett ieħor tal-popolarità tas-santwarju deher meta fl-aħħar tal-ħamsinijiet il-kumpanija '*Wimpey*' li kienet qiegħda tħaffer il-mina taż-żejt f'Ħas-Saptan kienet timpjega mijiet ta' nies, u l-kumpanija għażlet lil dan is-santwarju biex kull nhar ta' Sibt filgħodu tagħmel il-quddies lill-ħaddiema tagħha. Darba, wieħed mid-diretturi tal-'*Wimpey*', li ma kienx Kattoliku qal: "*It's really a heavenly place*".

Aktar xhieda tal-popolarità u d-devozzjoni lejn dan is-santwarju hija n-numru ta' barranin li żaru dan il-post. Fost l-ewlenin kien hemm l-iskwadrà ta' l-ajru Taljana *Pattuglia Aerobatica Nazionale*, magħrufa bħala *Le Frecce Tre Colori*. Kienu ġew fl-1977 bl-ajruplani *Fiat G91* għall-ftuħ tar-ranwej il-ġdida u reġgħu ġew f'Ottubru 1983 bl-*Air Macchi MB 339*.

Fl-1983 nibet il-ħsieb li l-kmandant ta' l-iskwadra jżur lis-santwarju tal-patruna ta' l-ajru. Issa f'Mejju 1988, meta *Le Frecce Tre Colori* kienu Malta għall-wirja saret quddiesa għall-unur tal-patruna tagħhom, il-patruna tas-smewwiet fis-Santwarju ta' Loreto fil-Gudja.

F'Awwissu ta' l-istess sena tliet piloti minn tmienja marru jiltaqgħu mal-patruna ta' l-ajru fid-diżgrazzja waqt il-wirja ta' l-ajru f'Rasinstein fil-Ġermanja fejn tilfu ħajjithom. F'Settembru ta' l-1994 *Le Frecce Tre Colori* reġgħu kienu fostna u żammew il-wegħda tagħhom fis-Santwarju ta' Loreto u wara sar riċeviment fl-istess post.

Meta kienet qiegħda ssir ir-ranwej ta' l-ajruport il-ġdid, li skond l-ewwel pjanti l-knisja ta' Loretu kienet ser tiġi qrib ħafna tagħha wara diskussjonijiet ma' l-awtoritajiet ikkonċernati, ir-ranwej tressqet ftit lil hemm mill-knisja. Kien hemm il-ħsieb ukoll li peress il-Madonna hi l-patruna ta' l-ajru, din il-knisja kellha tiġi meqjusa bħala l-kappella ta' l-ajruport iżda dan il-ħsieb baqa' fuq l-ixkaffa.

Il-knisja fejn issir il-festa qiegħda ftit 'il barra mir-raħal, żewġ kilometri u nofs bogħod mill-aħħar bini. Il-knisja hija mibnija f'forma kwadra u mdawra b'siġar taż-żebbuġ. Fuq in-naħa tal-lemin hemm salib tal-ġebel li ġeneralment kont issib qrib kull knisja jew kappella.

Dan is-santwarju nistgħu nqisuh bħala ġawhra oħra fil-ftit kampanja li baqagħlna fir-raħal tal-Gudja. Għalhekk huwa importanti li ngħożżu wirt pajjiżna u nħarsuh biex ngħadduh lil ta' warajna.

## Il-Kwadru l-Antik

Għalkemm ħafna huma n-nies devoti tal-Kappella tal-Madonna ta' Loreto, li tinsab fil-viċinanzi tar-raħal tal-Gudja, ftit huma dawk li qatt jieqfu japprezzaw l-akbar ġojjell artistiku fi ħdan din il-kappella. Fil-fatt, fis-sagristija ta' din il-kappella, wieħed għandu jsib kwadru antik, impitter fuq l-injam, li jista' jiġi meqjus bħala wieħed mill-produzzjonijiet artistiċi l-aktar importanti fil-perjodu tal-bidunett wara l-miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann fi gżiritna, fl-1530.

Dan il-kwadru jista' jitqies fuq żewġ livelli: l-ewwel bħala l-kwadru titulari oriġinali ta' din il-kappella, u fit-tieni livell bħala *ex-voto*. Dan għax ġie kkummissjonat minn Fra Imberto de Morines, bniedem importanti ħafna fi ħdan l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, tant li kien jokkupa l-kariga prestiġjuża ta' Prijur tal-Lingwa ta' Auvergne. Dan Fra Imberto kien dak il-bniedem li wara s-sokkors li hu u n-nies tiegħu rċevew mingħand Sidtna Marija, iddeċieda li jwaqqaf kappella ddedikata lill-Verġni ta' Loreto.



Fil-fatt, jekk wieħed iħares lejn dan il-kwadru, mill-ewwel jilmaħ lil Fra Imberto de Morines, kif għidna qabel, għarkubbtejh quddiem il-figura ta' Marija, li fi ħdanha qiegħda ġġorr lil Binha Ġesù. Filwaqt li Marija tidher qiegħda tiġi nkurunata minn żewġ anġli, jidher ukoll San Ġwann il-Battista, li kien il-Qaddis Protettur ta' l-Ordni tal-Kavallieri li fi ħdanha Fra Imberto kien prijur. Il-figura tal-Bambin Ġesù tinsab imserrħa fuq knisja ta' stil medjevali, b'kampnar fuq wara u portiku bil-kolonni fuq in-naħa ta' barra.

Hawnhekk, bħala xhieda ta' l-oriġini ta' dan il-kwadru, insibu l-iskrizzjoni "FRA IMBERTO DE MORINES PRIORE DE ALVERNA" flimkien mas-sena MDXXXXVIII, jiġifieri l-1548. Anġli żgħar jinsabu f'kull kantuniera tal-kappella, bħallikieku qegħdin jittrasportawha, b'xhieda tad-devozzjoni antika tal-Madonna ta' Loreto.

In-naħa ta' fuq tal-kwadru imbagħad, tinqasam fi tlieta. Fis-setturi tal-ġnub, wieħed josserva d-dehra tat-tħabbira ta' Marija. Fil-fatt, fuq in-naħa tax-xellug hemm il-figura ta' l-Arkanġlu Gabrijel u fuq in-naħa tal-lemin il-figura ta' Marija waqt it-talb tagħha.

Fin-nofs imbagħad insibu rappreżentazzjoni tal-Kurċifissjoni ta' Ġesù, bi Kristu fuq is-salib fin-nofs, Marija fuq ix-xellug, San Ġwann l-Evanġelista fuq il-lemin, u Marija Maddalena mħaddna mas-Salib Imqaddes. Dawn it-tliet inserti jiffurmaw trittiku ċkejken fuq in-naħa ta' fuq tal-kwadru u jistgħu jkunu xhieda tad-devozzjoni ta' Fra Imberto lejn dawn il-ġrajjiet tal-Kotba Mqaddsa.

Stilistikament, dan il-kwadru jmur lura mijiet ta' snin, lejn nofs is-seklu sittax, kif tixhed id-data 1548. Ħafna dettalji, bħad-drappeġġ tal-mant tal-Madonna u dak ta' San Ġwann Battista, flimkien ma' xi dettalji oħra bħalma nsibu fl-arkitettura tal-kampnar, jikxfu l-id tal-pittur bħala wieħed barrani, possibilment Taljan u probabbilment Sqalli.

L-idjoma medjevali f'dan il-kwadru għadha tinħass ħafna, iżda jidher ċar li l-pittur għamel dak kollu possibbli għalih biex jagħti lill-pittura tiegħu dik ix-xeħta moderna għal dak iż-żmien, billi pprova jdaħħal elementi rinaxximentali. Dan l-istil ġdid tar-rinaxximent kien qiegħed jiddomina ġewwa l-Italja u f'pajjiżi oħra aktar fit-Tramuntana ta' l-Ewropa, imma kien għadu pjuttost 'il bogħod mix-xtut Sqallin, u aktar u aktar minn dawk Maltin. Iżda madankollu, il-pittur ta' dan il-kwadru kien diġà beda jifhem xi ħaġa minn dan l-istil innovattiv, għalkemm ix-xogħol tiegħu juri kemm kien għad fadallu x'jitgħallem.

L-importanza ta' dan il-kwadru ma tinsabx fil-valur artistiku tiegħu, iżda fit-testimonjanza storika li jħallielna. Dan il-kwadru, fil-fatt, hu wieħed mill-ftit pitturi li għad fadlilna f'Malta li jixhdu x-xena artistika Maltija f'nofs is-seklu sittax. Huma ftit wisq dawk il-kwadri li għadhom jeżistu li jmorru lura lejn dan iż-żmien. Dan kien żmien interessanti u importanti fl-istorja ta' l-Arti Maltija, fejn l-istili medjevali li kienu għamlu żmienhom, bdew jiġu riġenerati permezz ta' influwenzi barranin li waslu fi gżiritna, speċjalment bil-wasla ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

Għalhekk, wieħed jista' jqis dan il-kwadru antik fil-kappella tal-Madonna ta' Loreto fil-Gudja bħala wieħed mill-blatiet tal-pedamenti li fuqu ssawret ix-xena artistika Maltija tas-sekli ta' wara.

***Referenzi:***


a) *Devozzjonijiet Marjani*, Vincenzo Borg (1600-1800).
b) *It-Torċa*, 16/12/1979.
c) *Santwarji Marjani Famużi fid-Dinja*, Anthony Camilleri (Mosta).
d) *Għaqda Dilettanti ta' l-Ajruplani*, Richard Caruana (Luqa).




Salone delle Rose

FOR WEDDINGS
& SPECIAL OCCASIONS
Gudja Road, Tarxien – Tel: 21666755, 79537366